MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 74/1993/1

Citazzjoni numru 74/1993

Joseph Sultana, Nathalina Sultana u Maria Sultana, xebbiet, Peter Paul Hili, Carmen Hili, xebba, Rita mart Joseph Camilleri, Angiolina mart John Xuereb u Rose mart John Sammut

-vs-

Nazzareno Hili u martu Mikelina Hili u Dr Josette Hili xebba u b'digriet tas-7 ta' Novembru 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Dr Josette Rapa gia Hili stante l-mewt ta' missierha Nazzareno Hili fil-mori tal-kawza

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta’ l-atturi fejn ippremettew illi fil-24 ta’ Settembru 1992 miet fix-Xaghra, Ghawdex, Joseph Hili bin il-mejtin Angelo u Maria nee’ Pace.

Illi xi granet qabel il-mewt tieghu minkejja l-istat pjetus li l-imsemmi Joseph Hili kien jinsab fih, huwa gie ndott b’manuvrar ingannevoli u falz ezercitat mill-konvenuti Nazzareno u Michelina konjugi Hili biex jaghmel testment li sar fid-19 ta’ Settembru 1992 minn Nutar Dottor Michael Refalo u li bih gie nominat werriet universali l-istess konvenut Nazzareno Hili u lil bintu l-konvenuta Dr Josette Hili gie mholli lilha b’legat is-sehem li t-testatur kellu mil-lok numru 87, Triq it-Tigrija, Xaghra, Ghawdex;

Ukoll illi l-kundizzjoni kritika li kien jinsab fiha Joseph Hili fl-ahhar jiem ta’ hajtu kienu tali illi jqanqlu dubbji serji fl-atturi jekk it-testatur kienx fi stat li jiddisponi b’testment, tant li lanqas kien f’posizzjoni li jiffirma l-istess testment tieghu minhabba infermita’ fizika;

Ukoll illi t-testment sar taht cirkustanzi ohra b’nuqqas ta’ osservanza tad-disposizzjonijiet relattivi ta’ l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili Kap 55 kif jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza u li proceduralment jirrendu t-testment null u bla effett;

Illi minkejja diversi weghdi li saru lill-atturi mill-konvenuti Nazzareno u martu Michelina konjugi Hili fis-sens li ser jaghtuhom somma flus mill-assi tal-wirt ta’ l-imsemmi Joseph Hili a saldu u in sodisfazzjon tal-pretensjonijiet taghhom u biex ma jqanqlu ebda litigji fil-Qorti, dawn baqghu jittamawhom u sal-lum ma tawhom xejn;

Illi l-wirt ta’ l-imsemmi Joseph Hili ghadu illikwidu;

Talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi t-testment maghmul minn Joseph Hili fid-19 ta’ Settembru 1992 permezz tan-Nutar Dottor Michael Refalo huwa null u bla effett u ma jirrapprezentax l-ahhar volonta tieghu ghaliex kien frott ta’ l-ingann ezercitat f’mumenti u cirkustanzi meta l-istess

Joseph Hili ma kienx f'kundizzjoni li jaghmel apprezzament tajjeb tal-fatti;

2. subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, m'ghandux jigi ddikjarat u deciz illi l-imsemmi testment maghmul minn Joseph Hili huwa null u bla effett ghaliex sar b'nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet relattivi ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kapitolu 55);

3. sussegwentement m'ghandux jigi ddikjarat u deciz illi fin-nuqqas ta' testment validu, hemm lok ghas-successjoni ab intestato bis-sahha tal-ligi;

4. m'ghandux jigi likwidat l-assi ta' l-istess Joseph Hili u s-successjoni tieghu tigi regolata bejn il-qraba tieghu bis-sahha tal-ligi;

5. m'ghandhomx l-atturi jigu assenjati kull wiehed u wahda s-sehem taghhom hekk likwidat u ghal dan il-fini jigi nominat nutar biex jircievi l-att ta' divizjoni u jigu nominati kuraturi ghal kull eventwali kontumacja fuq l-att ta' divizjoni u fil-kaz ta' immobbli jekk jirrizulta illi l-assi m'humiex kommodament divizibbli, tordna l-bejgh taghhom in licitazzjoni.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu 1993 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharka.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi d-domandi ta' l-atturi ghandhom jigu respinti peress illi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

2. Illi t-testment tal-mejjet Joseph Hili in atti Nutar Michael Refalo tad-19 ta' Settembru 1992 huwa validu u jirrifletti l-ahhar volonta tat-testatur.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess ic-citazzjoni kif intavolata hija monka u difettuza, billi l-atturi ma jistghux jitolbu l-assenjazzjoni ta' sehemhom mill-wirt ta' Joseph Hili minghajr qabel ma jitolbu d-divizjoni ta' l-istess wirt, haga li mhux qeghdin jaghmluha f'din ic-citazzjoni u ma jistghux jaghmlu ghaliex f'dak il-kaz jidhlu terzi persuni interessati li m'humiex parti f'dina l-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti debitament guramentata kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa.

Rat is-sentenza preliminari fil-konfront tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti moghtija fl-14 ta' Novembru 1995 minn dina l-Qorti diversament preseduta (fol.56 et seq);

Rat a folio 222 id-digriet ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem id-Dottoressa Josette Rapa gja Hili stante l-mewt ta' missierha Nazzareno Hili fil-mori tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jigi fl-ewwel lok ippuntwalizzat li t-testment li tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-impunjazzjoni imkien ma jinstab esebit fl-atti. Dan il-fatt wahdu ghandu jirrendi t-tieni talba insostenibbli u anka f'dan l-istadju bikri tas-sentenza din il-Qorti qeghdha konsegwentement u minn issa tichadha. Ghall-kumplament l-konvenuti m'humiex jikkontestaw li t-tesment in dizamina huwa dak maghmul minn Joseph Hili fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tad-19 ta' Settembru 1992. Lanqas ma huma l-konvenuti qeghdin jikkontestaw li l-imsemmi testment huwa l-uniku testment ta' l-imsemmi Hili li ghandu jinghad miet fl-24 ta' Settembru ta' dik l-istess sena u cioe' appena sitt ijiem wara li ghamel t-testment.

Illi huwa wisq car li hija l-ewwel talba li ghandha tigi vestita l-ewwel u qabel kollox billi t-talbiet l-ohra huma dipendenti u subordinati ghar-rijuxximent ta’ din it-talba. Permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu li t-testment jigi dikjarat null u bla effett stante li ma jirraprezentax l-ahhar volonta’ tat-testatur u hu frott tal-ingann ezercitat f’mumenti u cirkostanzi meta t-testatur, l-imsemmi Joseph Hili, ma kienx f’kundizzjoni li jaghmel apprezzament tajjeb tal-fatti. Issa hu pacifiku li l-vizzji li jaffettaw testment huma l-vjolenza, l-izball u l-qerq (dolo), imsejjah dan ta’ l-ahhar, fir-rigward testmenti, *“suggestione o captazione”.*

Illi donnhom l-atturi qeghdin jakkampaw l-impunjazzjoni tat-testment fuq dan l-ahhar element li jekk pruvat igib in-nullita’ ta’ testment kemm jekk ezercitat mill-persuna li tibbenefika mit-testment u kemm jekk operat minn terz billi dak li hu importanti hu li t-testment jew xi disposizzjoni tieghu ma tkunx affetta minn volonta’ frawdolentement karpita u sedotta mit-testatur. Huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza li l-kaptazzjoni trid tigi posittivament pruvata u li minn jimpunja testment irid jipprova b’mod konklussiv, determinanti, u rigoruz li gew adoperati artifizji tali *“a conquistare la volonta’ del testatore” u li kienu “la causa che abbia indotto costui a defraudare colui in favore dei quali altrimenti sarebbe stata diretta la benevolanza del testatore nelle sue elargizioni per il riparto dei suoi beni per dopo sua morte”* – Vol. XXVI. ii. 78 deciza 17 ta’ April 1925 u konfermata fl-Appell fil-21 ta’ Gunju 1926.

Illi certament ma jkunx barra minn loku li f’dan l-istadju jigu riprodotti xi principji legali rilevanti ghall-kaz in dizamina li huma rilevanti ghad-determinazzjoni tal-ezitu taghha. Hekk, huwa pacifiku, li l-infermita’ tal-mohh ma tistax tigi prezunta mill-eta’ avvanzata tat-testatur; li lanqas il-perdita tal-memorja, x’ inkoerenza ta’ propositi, xi skonnessjoni ta’ ideat ma jikkostitwixxu inkapacita’ testamentarja fil-waqt li l-ligi tesigi imbecillita’ vera u proprja; li l-inkapacita’ testamentarja m’hix lanqas desumibbli mill-paralisi progressiva anke fi grad avanzat li talvolta jista’ jkun soggett it-testatur in kwantu l-

konoxxenza u l-volonta’ tieghu jistghu jissusistu sal-ahhar grad tal-paralisi – brani riprodotti minn gurisprudenza Taljana citata b’approvazzjoni f’sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili riportata Vol. XXVI. ii. 224. Hu difatti proprju ghalhekk li fil-gurisprudenza gie ribadit li testment ma jirrikjedix ghall-validita’ tieghu *“quella pienezza di accorgimento e di senno che e’ richiesta per gli atti contrattuali piu’ importanti”* (Vol.XXVI.ii.78 ibid). Tabilhaqq is-sanita’ tal-menti tikkostitwixxi r-regola u hu appuntu ghalhekk li l-ligi hi aktar flessibbli u beninja li tirrikonoxxi l-fakolta’ li wiehed jista’ jaghmel testment milli li jaghmel donazzjoni jew jikkuntratta. Qalet il-Qorti ta’ l-Appell (Vol. XXVI. i. 498) illi “*per il testamento non e’ richiesta una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette al testatore la coscienza di cio’ che fa”.*

Illi fil-kaz in ezami huwa altru palesi li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw, il-Qorti ssostni lanqas remotament, li t-testatur kien affett minn xi infermita’ mentali meta ghamel it-testment. Il-provi jeskludu din ic-cirkostanza bl-akar mod assolut.

Illi ghal dak li hu d-‘dolo’, manifestanti fil-‘captazione o suggestione’, ben tajjeb jghidu il-konvenuti fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom li tali kapitazzjoni tikkonsisti fil-manipulazzjoni tal-volonta’ libera ta’ persuna biex wiehed igib liberalita’ determinanti bl-affezzjoni u l-fiducija li jirnexxilu jispira fit-testatur: *“risulta la captazione dolosa dall’impiego di mezzi i quali abbiano posto il testatore in uno stato di violenza dolosa … deve consistere in una estorsione dolosa o violenza morale che tolga il libero consenso del testatore* (ibid Vol.XXVI.ii.224). Fi kliem iehor hu indispensabbli li jigu pruvati raggiri tali li influwixxu u jinsabu riflessi fid-disposizjoni testamentari tat-testatur.

Illi anke minn dan l-aspett il-provi prodotti mill-atturi huma deficitarji u ma jinstabux sorretti mill-provi. Tabilhaqq it-testatur kien guvni u xejn ma kien josta li jaghmel t-testment li ghamel nonostante li kien fisikament marid u li, kif kien jistqarr, in-neputijiet kien ihobbhom ugwalment l-

istess. L-ebda inferenza ma treggi u l-ebda alluzjoni mhi sostenibbli mill-fatt biss li l-mejjet kien joqghod ma dak minn fost in-neputijiet li bbenefika mill-wirt tieghu.

Ghar-ragunijiet fuq premessi qeghdha ghalhekk tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom, hlief ghall-ispejjez tas-sentenza preliminari li jibqghu kif gia decizi.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------